# Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

## CHAIRMAN DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Numru: 7/2022 SG**

**Ryan Sultana**

**vs**

**Transport Malta**

Illum 3 ta' Mejju 2024

It-Tribunal;

Ra r-rikors ta' Ryan Sultana pprezentat fil-21 ta' Lulju 2022 li permezz tieghu talab lil dan it-Tribunal sabiex:

> *"...joghgbu, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni jew ordni meqjusa opportune fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ihassar id-decizjoni ta' Transport Malta tal-1 ta' Lulju 2022 u/jew kwalunkwe decizjoni relattiva u/jew konsegwenti u minflok jordna lil Transport Malta sabiex jaccettaw l-applikazzjoni tal-esponenti ghal permess ta' xufier (tag)."*

Ra r-risposta ta' Transport Malta pprezentata fit-23 ta' Awissu 2022 fejn gie eccepiet li:

*"1. Illi d-decizjoni tal-Awtorita rispondenti kif notifikata lir-rikorrenti Ryan Sultana permezz tal-ittra taghha datata l-1 ta' Lulju 2022 hija wahda gusta, korretta, u skont il-ligi u ghalhekk ghandha tigi konfermata u r-rikors prezentat mir-rikorrent ghandu jigi michud bl-ispejjez u dan ghar-ragunijiet li ser jigu hawn mtennija u dan ghar-ragunijiet kollha mfissra fl-imsemmija ittra.*

*2. Illi l-kwistjoni tal-konsiderazzjonijiet maghmula fis-sentenza taghha ta' sejbien ta' htija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jezorbitaw mill-konsiderazzjonijiet illi hija obbligata taghmel l-Awtorita' biex tasal ghad-decizjoni taghha. L-awtorita' ghanda tara biss liema artikoli tal-lig nstab hati taghhom l-applikant u tara kif dawn l-artikoli tal-ligi jinkwadraw fir-regolamenti appoziti dwar kondotta u reputazzjoni tajba taht il-ligi sussidjarja applikabbli u hekk fil-fatt ghamlet u l-applikazjzoni tal-provvedimenti tal-ligi minnha maghmula fil-kaz odjern hija wahda korretta u skond il-ligi. U bid-dovut rispetto din hija wkoll l-unika indagni illi jista' u ghandu jaghmel dan l-Onorabbli Tribunal.*

*3. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent appellant Ryan Spagnol ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu."*

Ra d-dokumenti ezebiti.

Sema' x-xhieda.

Sema' trattazzjoni.

Ra li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi rrizulta li r-rikorrenti applika ghall-permess ta' xufier tal-vetturi zghar ma' Transport Malta (fol 21), izda permezz ta' ittra datata 2 ta' Gunju 2022, Transport Malta nfurmatu li l-applikazzjoni tieghu ma gietx accettata minhabba sentenza li nghata fit-3 ta' Gunju 2021 (fol 22). Irrizulta li saret ittra ohra fit-23 ta' Gunju 2022 sabiex din id-decizjoni tigi rikunsidrata (fol 26). Izda permezz ta' ittra ohra datata l-1 ta' Lulju 2022 (Dok A a fol 3 tal-process), Transport Malta infurmat lir-rikorrenti li t-talba tieghu ma kinitx qed tigi milqugha stante li huwa ma jissodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ai termini tal-Artikolu 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.68.

Irrizulta wkoll li r-rikorrenti kellu sentenza fir-rigward tieghu moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-3 ta' Gunju 2021 (fol 24 et seq) fejn huwa kien instab hati ta' l-imputazzjonijiet imressqa kontra tieghu in vista ta' l-artikoli 7, 8(d), 2(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijeit ta' Malta u r-regolament 9 ta' l-avviz legali 292 tas-sena 1939, u kkundannat hlas ta' multa fl-ammont ta' EUR 600.

Ir-rikorrenti nsista li d-decizjoni mehuda minn Transport Malta hija wahda ingusta, irragonevoli, bbazata fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti u kif ukoll sproporzjonata ghall-fati specie tal-kaz u dana peress li l-cannabis li kellu r-rikorrenti kien f' ammont verament zghir li kien ghal uzu personali tieghu – xi haga li illum ma tikser l-ebda ligi. Gie argumentat li anke fis-sentenza stess, il-Qorti kkunsidrat li d-raoga kienet ghall-uzu personali tal-imputat u kienet f' ammont zghir.

Illi min-naħa l-oħra Brian Farrugia, uffiċjal fi ħdan l-Awtorita` intimata, stqarr illi meta l-Awtorita` eżaminat il-fedina penali tar-rikorrent (fol 23) sabet illi kien hemm kundanna li abbażi tagħha l-istess Awtorita` ma setgħetx toħroġ il-liċenzja mitluba mir-rikorrent. Dwar dan l-Awtorita` infurmat lir-rikorrent u tatu l-opportunita` li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fir-rigward.

Dan it-tribunal iqies li r-reati mwettqa mir-rikorrenti, u ċioe` dawk ta' importazzjoni ta'cannabis grass f' Malta bi ksur tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u pussess tal-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur a' l-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, huma ċertament reati li jaqgħu taħt artikolu 9 (1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68.

In fatti, l-artikolu 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.68 jistipola li:

*9. (1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba:*

*(a) jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher –*

*(i) fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew fl-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212, 217 (f'każ illi r-reat ikun twettaq permezz ta' arma tan-nar), 220, 238(a), 248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminali;*

*(ii) fl-artikoli 2, 3, 5, 7, 8, 9 u 10 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni;*

*(iii) fl-artikoli 40A, 40B, 120A, u 120B tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha;*

*(iv) fl-artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b), 8(ċ), 8(e), 11, 13(2), 14(3), 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(b), (ċ), (d), (e), (f), 22(1Ċ), 22(1D)(a), 22(1E) u 22(3BA)(5) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;*

*(v) fl-artikoli 37, 38, 44, 50 u 61 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta;*

*(b) għal dak il-perjodu ta' żmien meta hija tkun qiegħda tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar (1);*

*(ċ) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara dak iż-żmien li hija tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar (1) li tkun ingħatat lil dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun:*

*(i) tliet (3) xhur fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur iżda li ma jkunux aktar minn sentejn (2);*

*(ii) daqs kwart tal-piena ta' priġunerija li għaliha persuna bħal dik tkun ikkundannata piena ta' priġunerija ta' aktar minn sentejn (2):*

*Iżda wkoll meta l-applikant kellu inqas minn tmintax (18)-il sena meta wettaq ir-reat, il-perjodi msemmija fil-paragrafu (ċ) ma għandhomx ikunu ta' aktar minn sentejn (2).*

*(d) tkun instabet ħatja li wettqet xi reat bħal dawk taħt xi liġi ta' pajjiż jew territorju barra minn Malta.*

*(2) Għall-finijiet biex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont is-subregolament (1), il-frażi "sentenza" ma għandhiex tinkludi:*

*(a) ordni ta' probation mogħtija skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Probationtal-Ħatjin u li tkun ġiet osservata mill-probationer jew ordni għal-liberazzjoni assoluta jew taħt kondizzjoni mogħtija taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin li tkun ġiet osservata; jew*

*(b) sentenza għat-twettiq ta' reat li dwaru persuna li tkun ġiet misjuba ħatja tiġi mogħtija maħfra mill-President ta'Malta skont l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; iżda dan il-paragrafu għandu jkun japplika biss mid-data li fiha l-President ta' Malta jkun ta maħfra bħal dik; jew*

*(ċ) sentenza li fil-waqt tal-applikazzjoni tagħha tkun qiegħda taħt appell; jew*

*(d sentenza għat-twettiq ta' reat ta' pussess għall-użu esklussiv imsemmija fis-subparagrafi (iii) u (iv) tas-subregolament (1)(a), liema sentenza tkun ingħatat mill-anqas tliet (3) snin qabel id-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni għal-liċenzja ta' operatur fejn l-applikant ikun irriabilita ruħu u ma kellux sentenza oħra matul dawn it-tliet (3) snin.*

Filwaqt li dan it-Tribunal ħa in konsiderazzjoni l-kontenut tas-sentenza moghtija fir-rigward tar-rikorrenti odjern, inkluz anke x-xhieda ta' l-Ispettur Hubert Gerada li quddiem dan it-Tribunal xehed li dan il-kaz kien wiehed minimu, madanakollu dan ma jbiddel xejn mill-htija dwar ir-reati kommessi.

Kif osserva dan it-Tribunal hekk kif diversament ippresedut fit-28 ta' Novembru, 2022 Rikors Numru 9/2022 fl-ismijiet Lawrence Azzopardi Vs Transport Malta:

*"Illi filwaqt li dan it-Tribunal jifhem l-argumenti mressqa mir-rikorrent, iddeċiżjoni li jrid jagħti dan it-Tribunal trid tkun waħda oġġettiva u b'rispett sħiħ lejn il-liġi. Dan it-Tribunal m'għandux kompetenza jissindika u jiddeċiedi jekk liġi hix ġusta jew inġusta. Il-liġi trid tiġi applikata kif inhi u jkunu kemm ikunu pjetużi s-sitwazzjonijiet li l-persuni aggravati jkunu fihom ma jistax jiddipartixxi minn dak li tgħid il-liġi.*

*Illi f'dan il-każ il-liġi hija pjuttost ċara u torbot idejn l-Awtorita` intimata."*

Fis-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal hekk kif diversament ippresedut fil-11 ta' Jannar 2024 Rikors Numru 32/2023 fl-ismijiet Alan Muscat Vs Transport Malta intqal:

*"Illi t-Tribunal jifhem illi l-leġislatur elenka ċerti reati f'Regolament 9 (1) (a) sabiex jikkawtela l-interessi tal-pubbliku in ġenerali stante li xufier li jiġi mogħti l-liċenzja in kwistjoni jista' jkun fdat bit-trasport ta' nies vulnerabbli bħalma huma tfal u anzjani.*

*...Illi għalhekk jirriżulta illi r-rikorrent instab proprju ħati ta' reat imsemmi f'Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68, u ċioe` dak ai termini tal-artikolu 8 (b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-istess Regolament ma jħalli l-ebda diskrezzjoni lill-Awtorita` intimata meta tiġi biex tipproċessa applikazzjoni għall-għoti jew tiġdid ta' tag ta' xufier jekk jirriżultalha li l-applikant wettaq xi wieħed mir-reati hemm indikati. Lanqas dan it-Tribunal ma għandu xi diskrezzjoni speċjali jew addizzjonali firrigward. Il-liġi tagħmilha tassattiva fuq l-Awtorita` intimata li meta tirriskontra applikant li wettaq xi wieħed mir-reati elenkati fir-Regolament 9 trid neċessarjament tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu mingħajr ma tidħol biex teżamina kwalunkwe ċirkostanza oħra.*

*Illi fil-waqt li t-Tribunal jifhem li r-reati mwettqa mir-rikorrent, ġew hekk imwettqa snin ilu u li hu ma kellu ebda problemi oħra ta' natura kriminali, min-naħa l-oħra l-istess Tribunal m'għandu ebda triq oħra ħlief li japplika lliġi b'mod oġġettiv u b'mod uniformi. Fid-deċiżjonijiet tiegħu it-Tribunal m'għandux xi diskrezzjoni li jagħmel xi apprezzament tas-sitwazzjoni jew iċ-ċirkostanzi tal-persuna li jkollu quddiemu, anke jekk jifhem, millat uman, li persuna tħossha aggravata li wara li tkun ħallset ta' għemilha, hija tibqa' tiġi mċaħħda minn ċerti drittijiet għal għomorha.*

*Illi għaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi l-Awtorita` intimata ma kellha ebda triq oħra ħlief li timxi mal-liġi u tiċħad it-tiġdid tal-permess ta' xufier li għalih applika r-rikorrent. Għalhekk, it-Tribunal ma jqisx illi l-istess deċiżjoni hija waħda fattwalment jew legalment ħażina."*

Dan it-tribunal jaghmel tieghu dawn l-insenjamenti u jqis li r-regolament 9(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68 ma jħalli l-ebda diskrezzjoni lill-Awtorita` intimata meta tiġi biex tipproċessa applikazzjoni għall-għoti jew tiġdid ta' tag ta' xufier jekk jirriżultalha li l-applikant wettaq xi wieħed mir-reati hemm indikati.

Illi għaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi l-Awtorita` intimata ma kellha ebda triq oħra ħlief li timxi mal-liġi u tiċħad l-applikazzjoni.

Għalhekk, it-Tribunal ma jqisx illi l-istess deċiżjoni hija waħda nġusta, irraġjonevoli, sproporzjonata jew ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

(ft) Dr. Simone Grech
Chairman

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur